# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 07/09

**It-Tnejn 18 ta' Novembru 2024**

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja Itaqa' fl-ufficċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-ħamsa (5:00pm) ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Romeo Baldacchino – Sindku
Andrew Dalli – Viċi Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Claire Chetcuti – Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Marija Micallef – Kunsilliera

**ASSENTI**

Nil

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

AĠENDA

7.1Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

7.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

7.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

7.4 Attitivatjiet tal-Milied 2024;

7.5 Ħruġ ta' Sejħiet ta' Offerti u Approvazzjoni tal-Bord ta' Aġudikazzjoni;

7.6 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

7.7 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;
a. Ġnien Raymond Caruana – progress
b. Miz 4.4: Ħitan tas-Sejjieħ – progress
c. Miz 4.3: Toroq Rurali – progress Tender GLC01/2023: The Major Rehabilitation of Rural Passageways in Tal-Għoljiet and Sqaq il-Loġġa in Gudja
d. Proġett tal-Pjazza – progress
e. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress
f. Proġett ta' Rinovazzjoni tal-Latrina Pubblika - progress

7.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

7.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

## Minuti

### Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Romeo Baldacchino ppresedja l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-ħamsa u nofs ta` filgħaxija (5:30pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

### 07.1 Qari tal-ittri ta' apoloġilji

Is-Sindku nfurma lil dawk prezenti li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija mill-Kusilliera M. Micallef.

### 07.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsill b'vot unanimu approva dawn il-minuti nru 06/9 nem con.

**07.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

07.3.1 Is-Sindku għamel referenza għal magna tal-BCRS fejn informa lil dawk preżenti li l-Kunsill kien reġa bgħat talbiet ġodda fejn tista' titmexxa din il-magna. Is-Sindku qal li jekk din ma tiċċaqlaqx isiru l-blokok tal-konkos biex ma tintużax għax qed idejjaq ħafna residenti li joqogħdu fl-akwata. Il-Kunsillier S Caruana qal li għandha tintbgħat ittra lir-residenti tal-madwar jinfurmahom li l-Kunsill ilu jibgħat diversi korrispondenzi biex din il-magna tiċċaqlaq għal post ieħor. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

07.3.2 Is-Sindku għamel referenza għal ħamrija ta' Triq Ħal Resqun fejn is-Sindku propona li l-Kunsill jibgħat lill-GEB biex din tinħarat u jiġu mħawwla xi pjanti. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

07.3.3 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li l-Kunsill ma kien irċieva xejn minn naħa ta' TM wara li l-Kunsill kien bgħat minħabba tabella tal-one way li saret fi Triq San Mark. Il-Kunsillier S Caruana qal li triq għandha tiġi two way. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

07.3.4 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li laqgħa li jmiss tal-Proġett Rights ser isir nhar l-Erbgħa 11 ta' Diċembru 2024. Il-Kunsillier C Chetcuti proponiet li jinxtara rigal żgħir lil kull minn ser jattendi dakinhar. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

07.3.5 Is-Sindku propona sabiex isir iż-żbir tas-siġar fil-Housing Estate tal-Mitħna. Il-Kunsilliera C Chetcuti talbet ukoll biex isir żbir tas-siġar fi Ġnien il-Ħelsien. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

07.3.6 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li nhar il-Ħamis 21 ta' Novembru 2024 kien hemm seduta l-qorti minħabba l-binja tal-Kunsill.

07.3.7 Ġie preżentat ir-rapport tal-Contracts Manager għax-xahar ta' Ottubru/Novembru 2024.

07.3.8 Is-Sindku għamel referenza għax-xogħlijiet li għaddejjin fil-latrina pubblika ta' Triq William Baker, fejn qal li xogħol miexi sew u li fil-jiem li ġejjin ser jibda jitpoġġa l-madum.

07.3.9 Ġiet preżentata korrispondenza li ntbgħatet mingħand il-Gudja United FC, fejn ser jitella' football tournament fit-22 ta' Diċembru 2024, fejn il-Kunsill ser ikun qed jgħin finanzjament għax-xiri tal-premijiet. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

07.3.10 Ġiet preżentata korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand l-AKL dwar football tournament li ser jiġi organizzat bejn il-Kunsilli Lokali nhar it-22 ta' Diċembru 2024.

07.3.11 Is-Sindku R.Baldacchino qal li l-Kunsill baqa' ma rċieva xejn lura minn naħa ta' IM dwar il-proġett tal-Barrani.

07.3.12 Is-Sindku qal li dwar l-stemma tal-lokalita' għandha tintbgħat email lill-Kummissjoni Elettorali minħabba l-proċess biex din tkun tista' tiġi rregolarizzata.

07.3.13 Preżentata korrispondenza li ntbgħatet mill-Grupp Skali fejn talbu għal għajnuna biex jinkrew żewġ mobile toilets għal car show li ser isir f'Bir Miftuħ nhar il-Ħadd 1 ta' Diċembru 2024.Dawk preżenti qabblu li l-Kunsill jgħin f'dan ir-rigward.

07.3.14 Ġiet preżentata korrispondenza mibugħta mill-Kunsill ta' Santa Luċija fejn qed jitolbu sabiex Triq il-Lampat isir one way bħal ma kien ġie approvat minn TM. Is-Sindku talab sabiex jiġu ċċekjati d-dokumenti relatati ma' din it-talba.

07.3.15 Ġiet preżentata korrispondenza li ntbgħatet mill-Librara, fejn talbet sabiex il-Kunsill japprova li librara tibda taħdem fuq bażi full time mall-Kunsill. Din it-talba ma ġietx approvata.

07.3.16 Is-Sindku għamel referenza għad-deċizjoni li tittieħdet mill-PA dwar l-iżvilupp fi Triq San Pawl, il-Gudja. Il-perit tal-Kunsill informa lill-Kunsill li dan serta' jappella sa 13 ta' Diċembru. Il-Kunsill qabel li jieħu parir u jappella sabiex jitħaffer sular wieħed biss ' l isfel.

07.3.17 Is-Sindku preżenta l-applikazzjoni dwar l-iskema SPI/SCI/8/2024 Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Karnival 2025 fejn is-Sindku propona l-Kunsill japplika għal din l-skema biex titella` attivita' għaż-żminijiet tal-Karnival 2025, liema attivita' tiġi tiswa mhux aktar minn sitt elef ewro. Din l-applikazzjoni ġiet approvata unanimament.

07.3.18 Ġiet preżentata korrispondenza li ntbgħtet mis-Sur Warren Muscat sabiex fi Frar 2025 isir Fun Run fil-Gudja li għaliha jattendu madwar 200 atleta fejn talab l-għajnuna tal-Kunsill biex jassisti f'din il-ġirja speċjalment minħabba xi għeluq ta' toroq. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti sabiex il-Kunsill jassisti fejn hemm bżonn.

07.3.19 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li sa' Mejju 2025, il-Primary Health Care ser tkun qed tibgħat diversi speċjalisti sabiex kull xahar jagħmlu talk fuq suġġett differenti li għalihom jista' jattendi kulħadd mingħajr ħlas. Dawn is-sessjonijiet ta' informazzjoni jsiru fiċ-Ċentru tal-Parroċċa.

07.3.20 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li l-Kunsill kien tkellem ma' Ambjent Malta dwar l-inizjattiva' sabiex isir ħarġa b'xejn għal anzjani ġewwa l-Buskett fejn isir sessjoni ta' informazzjoni minn Ambjent Malta stess. Dwar dan kien qbil li din l-attivita ssir u li l-Kunsill iħallas għas-servizz ta' trasport. Il-postijiet huma limitati għall-ewwel 30 parteċipant.

07.3.21 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li l-fondi relatati mall-LESA ser ikunu qed jiġġedu sal-aħħar ta' Ġunju 2024 biex jiġu utilizzati. Is-Sindku propona sabiex b'dawn il-fondi jinxtara van jaħdem bl-elettriku biex jintuża għall-komunita u jekk ikun fadal il-flus jinxtara van għax-xogħlijiet tal-Kunsill. Sabiex dawn jinxtraw iridu jinħarġu żewġ sejħiet għall-offerti. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

07.3.22 Is-Sindku għamel referenza għal xi katusi li saru fuq il-bankina fi Triq San Mark, sabiex minn naħa tal-Kunsill isiru xi gutters ħabba l-ilma. Is-Sindku żied jgħid li qabel dawn ix-xogħlijiet iridu niċċekjaw jekk hemmx xi servizzi għaddejin.

07.3.23 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti dwar proġett li ser ikun qed isir fi Triq il-Gudja sa Triq Bir Miftuħ minn IM taħt l-fondi ta' Vjal Kulħadd. Dan il-proġett ser ikun jinkludi bicycle lane u kif ukoll roundabout f'Dawret il-Gudja biex jitneħħa l-periklu f'dik il-parti ta' triq. Is-Sindku żied jgħid li għamel it-talba lic-CEO ta' IM biex mall-istess proġett isir is-salib ta' dejma. Is-Sindku qal li minħabba r-restawr tad-dar li tinsab f'din l-istess triq isir talba lill-Heritage biex tiġi restawrata minn naħa tagħhom.

**07.4 Attivitajiet tal-Milied;**

07.4.1 Ġew preżentati l-aħħar preparamenti għall-attivita tal-Milied. Il-programm u l-attivitajiet ġew konklużi u kulħadd qabel mall-aħħar preparamenti, kif ser jintramaw l-stalls u kif ġie mqassam il-programm.

**07.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

07.5.1 Il-Kunsilliera C Chetcuti staqsiet dwar l-iskema tal-parkeġġ madwar il-lokalita' kollha. Is-Sindku qal li qed jaħdem fuqha biex din tkun tista' ssir.

07.5.2 Il-Kunsillier S Caruana qal li l-kumpanija tal-kiri li għandhom l-uffiċċju fi Triq Ħal Resqun qed iħalli l-karozzi barra fejn dan filfatt irid ikollu garaxx li jesa l-karozzi kollha li għandu. Is-Sur Caruana żied jgħid kif ingħata permess lis-sid ta' kumpanija tal-kiri għal dan is-suq meta m'hemmx garaxx wieħed. Il-Kunsilliera C Chetcuti qalet li hemm bżonn ta' permess minn TM biex jopera u ssuġġeriet li tiġi nstallata CCTV f'dik l-akwata.

07.5.3 Il-Kunsillier S Caruana qal li qed iżomm l-ilma fejn il-Knisja ta' Loreto.

07.5.4 Il-Kunsillier S Caruana staqsa dwar id-double yellow line li sar fi Triq Ġlormu Cassar jekk dan sarx bil-permess ta' TM. Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li kien hemm il-permess ta' TM.

18:50hr Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex jiġi skużat mill-laqgħa.

**07.6 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

a. Triq iż-Żebbuġa – progress
b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress
c. Ġnien Raymond Caruana – progress
d. Miz 4.4: Ħitan tas-Sejjieħ – progress
e. Proġett tal-Pjazza – progress
f. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress

Is-Sindku propona sabiex minħabba is-sejħiet tal-offerti jiġi maħtur bord ta' evalwazzjoni. Is-Sindku propona li għal proġett tal-HE jinħatar bord magħmul minn Accountant, Perit u Avukat

u rigward is-sejħiet tal-offerti għal xiri ta' vetturi jinħatar bord minn Accountant, Inġiner u Avukat. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel u ddeċieda li l-bord jkun magħmul mill-Accountant tal-Kunsill – is-Sinjura Josianne Deboni, mill-Perit tal-Kunsill, is-Sur William Lewis u Nutar Dr. Simon Manicolo u l-Inġiner tar-Reġjun Jose Agius rispettivament.

**07.7 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

Il-pagamenti nru 005/9 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-Kunsilliera C Chetcuti u ssekondata mill-Viċi Sindku A Dalli għall-ammont totali ta' €14,927.56 u ġiet approvata nem con.

**07.8 Tmiem tal-Laqgħa**

Il-Laqgha ntemmet fis-sebgħa u nofs ta` filghaxija (7:30pm). Is-Sindku aġġorna l-laqgha għal nhar it-Tnejn 16 ta' Diċembru 2024 fl-4.30pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa. Is-Sindku propona wkoll li dakinhar stess isir il-Laqgħa Annwali tal-Lokalita. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Konfermati, illum it-Tnejn 16 ta` Dicembru 2024

R. Baldacchino
ffirmati
Romeo Baldacchino
Sindku

LMascena
ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv